# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 41 – IT-TLIETA 22 TA' MEJJU 2012
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Antoine Vella | Kunsillier |

Attenda l-*accountant* tal-Kunsill matul il-laqgħa kollha.

### 1. PJAN TA' TLETT SNIN

1.1 Is-Sur Caruana, l-accountant tal-Kunsill, skuża ruħu talli naqas li jattendi għal-laqgħa preċedenti tal-Kunsill minħabba li kienet inqalgħatlu emerġenza personali.

1.2 Is-Sur Caruana spjega l-pjan ta' tlett snin għas-snin 2012 – 2014, kopja tiegħu mehmuża.

1.3 Dan ġie approvat *nem con.*

### 2. RISPOSTA GĦALL-*MANAGEMENT LETTER* (*INTERIM AUDIT*)

2.1 L-*accountant* informa li minn 27 punt li ssemmew fil-management letter ta' Diċembru 2010, 14 minnhom kienu ġew indirizzati matul is-sena 2011.

2.2 Kien hemm qbil li fil-*management letter* għandhom jissemmew numru ta' punti, fosthom:

a) Il-kwotazzjoni ta' JM Electronics ma ġietx imġedda minħabba li kienet inħarġet memo li tgħid li l-Kunsilli m'għandhomx joħorġu offerti ġodda għall-manutenzjoni ta' dawl.

b) Id-deċiżjoni tal-appell tal-knis kienet inqatgħet favur il-Kunsill għalkemm għandhom jitħallsu lura l-€400 lill-appellant.

c) Is-sena li għaddiet ma nġabux kwotazzjonijiet oħra għal dawk mitluba mingħand Battlefront u Phoenix fir-rigward ta' Military Mtarfa. Il-Kunsill kien assigura li din is-sena jkun hemm mill-inqas kwotazzjoni oħra.

d) Xi snin ilu kienu ġew ifformattjati l-kompjuters tal-Kunsill u ntilfet l-informazzjoni kollha tal-*fixed assets register* (FAR). Huwa informa li kien qiegħed jibni l-informazzjoni mill-ġdid.

e) Hawnhekk is-SE infurmat li hija kienet se tgħaddilu xi informazzjoni li sabet dwar inventarju tas-snin li għaddew sabiex jgħinuh fil-kumpilazzjoni. Sadanittant talbitu wkoll kopja tal-informazzjoni kollha fuq *sage pastel* tas-snin kollha passati minħabba li ma sabitx rekord tagħhom.

f) Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien is-7:35pm.

2.3 Il-kontenut tal-*management letter* ġie approvat skont l-emendi t'hawn fuq u r-risposta se tiġi ffirmata mis-Sindku u s-SE u mibgħuta lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qabel id-data tal-iskadenza.

**3. *QUARTERLY REPORT (JANUARY – MARCH 2012)***

3.1 L-*accountant* preżenta kopja tal-*quarterly report* għall-ewwel kwart tas-sena 2012.

3.2 L-*accountant* spjega li l-Kunsill kien daħħal €62069.44 u nefaq €59257.71 u għaldaqstant kellu bilanċ pożittiv ta' €3617.73.

3.3 Kien hemm qbil li għandha ssir emenda billi jsir *accrual* ta' €472. Dan għaldaqstant tella' s-somma pożittiva għal €4089.73.

3.4 Il-Kunsill approva l-ewwel *quarterly report* hekk kif emendat. Kopja qed tiġi mehmuża.

3.5 Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |